MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 15/2011

**Tonio von Brockdorff**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Arbitru nominat in forza tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kspitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta) ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru*

*Il-mara tal-appellant ikkonfermat li qabel bdiet tahdem ikkonsultat mad-Dipartiment u assigurawha li fil-kaz taghha ta'gurnata fil-gimgha setghet tahdem minghajr ma titlef l-Ghajnuna li kien qed jircievi r-ragel. Ikkonfermat ukoll illi ftit wara li bdiet tahdem gew tal-ETC biex jikkontrollaw l-impjegati; spjegat illi kieku kienet taf li qed tahdem u kull ma taqla jigimnaqqas hija*

*tirrifjuta dan ix-xoghol. L-overpayment intalab mit-12 ta' Novembru 200 sat-12 ta' Frar 2010.*

*Peress illi huwa veru simili li l-appellanti gie sgwidat, ir-rifuzjoni ghandha tintalab biss minn sentejn qabel it-12 ta' Frar 2010, ghalhekk dan l-appell qed jigi parzjalment milqugh."*

**Rat** li Tony von Brockdorff hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem dinil-Qorti.
**Rat** ir-rikors ta' l-Appell tal-imsemmi bappellant Tony von Brockdorff fejn gie premess:-

Illi b'decizjoni tal-Arbitru fil-kaz fl-ismijiet Tonio von Brockdorff vs Direttur tas-Sigurta Socjali deciz fit-13 ta' Lulju 2011 l-istess Arbitru ddecieda li l-esponent kellu jhallas rifuzjoni ta' beneficcju ta' ghajnuna socjali ,'minn sentejn qabel it-12 ta' Frar 2010' ( DOK A- decizjoni annessa).

Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u qed jaghmel dan l-appell.

Illi-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

Ir-rikorrent kien waqaf jahdem mix-xoghol fit-22 ta' Gunju 2007 u applika ghall-beneficcju tad-disimpjieg. Fil-25 ta' Gunju 2007 beda jircievi l-beneficcju tal-qaghad.

Peress li l-mara xtaqet tghin ghaliex id-dhul tal-beneficcju socjali ma kienx bizzejjed sabet impjieg part-time ta' ftit sieghat fil-gimgha.

Illi hekk kif sabet dawn il-ftit sieghat xoghol, ir-rikorrenti marru d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u staqsew jekk skond il-ligi il-mara setghetx tahdem dawk il-ftit sieghat. Dan ghamluh ghaliex ma riedu jaghmlu xejn bi ksur tal-ligi. Fil-fatt huma marru staqsew QABEL ma l-mara marret tahdem dawn il-ftit sieghat. Id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali assigurahom li l-mara setghet tahdem dawk il-ftit sieghat ghaliex b'hekk ma kienetx ser tinkiser il-ligi. Ii r-rikorrent Tony von Brockdorff qatt ma ried joqghod jiehu flus tal-qaghad u kien applika ghall-beneficcju ghaliex ma setghax isib impjieg tant li fit-28 ta' Marzu 2010 rega beda jahdem u ghalhekk waqaf il-beneficcju socjali. B'sorpriza ghar-rikorrent u martu ircevew ittra datata 23 ta' Frar 2010, li ma kienet iffirmata minn had ( kopja annessa DOK B) sabiex ihallsu ammont ta' EUR 3918 f'arretrati ghall-perjodu bejn it-12 ta' Novembru 2007 sa t-12 ta' Frar 2010 u dan ghaliex 'il-MARA TAHDEM'. B'decizjoni ta' l-Arbitru tat-13 ta' Lulju 2011, filwaqt li l-Arbitru hass li r-rikorrent Tonio von Brockdorff gie sgwidat, iddecieda li ghandu xorta wahda ihallas l-arretrati 'minn sentejn qabel it-12 ta' Frar 2010'.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Huwa car li r-rikorrenti bl-ebda mod ma ried jikser il-ligi jew jaghmel xi haga li taffettwa l-beneficcju li kien qed jiehu . Tant hu u martu kienu kawti , li l-mara marret id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u staqsiet jekk setghetx tahdem dawk il-ftit sieghat fil-gimgha. Kien id-Dipartiment li qalilha li setghet tahdem u r-rikorrenti u martu imxew fuq dak li qalilhom id-Dipartiment. Li kieku d-Dipartiment qalilhom li l-mara ma setghetx tahdem, allura l-mara kienet tibqa d-dar . Ma jaghmilx sens li l-mara toqghod tinqala minn darha, tmur ix-xoghol tbati sabiex imbaghad il-flus jispiccaw ghand id-Dipartiment. Apparti dan, peress li r-ragel dam hafna ma jahdimx u kienu jghixu biss bl-ghajnuna socjali , mhumiex f'pozizzjoni li jhallsu dawn l-arretrati kollha.

L-Arbitru kellu l-konvinciment morali li r-rikorrenti kienu zgwidati mid-Dipartiment u kien ghalhekk li naqqas parti mill-hlas tal-arretrati. Imma meta wiehed iqis li r-rikorrenti u martu ma kellhom tort f'xejn anzi kienu kawti u prudenti u hadu l-parir tad-Dipartiment, m'ghandhomx ibatu l-izball tad-Dipartiment. Jekk id-Dipartiment zbalja, ghandu jgorr dan l-izball. Barra minn hekk id-Dipartiment dam is-snin biex jibghat ghal rifuzjoni ta' arretrati li kif gie spjegat m'ghandhomx ikunu dovuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant qed jitlob li din il-Qorti jghogobha: (1) tirriforma u tvarja d-decizjoni appellata tal-Arbitru fis-sens li tikkonferma l-parti tad-decizjoni fejn l-Arbitru ddecieda li l-appellant ma jhallas xejn ghall-perjodu bejn it-12 ta' Novembru 2007 u t-12 ta' Frar 2008 u tirrevokaha u thassarha in kwantu fejn l-Arbitru iddecieda li l-appellant ghandu jhallas l-arretrati minn sentejn qabel it-12 ta' Frar 2010 u tiddeciedi li l-appellant m'ghandu jhallas xejn lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Bl-isepjjez kontra l-appellat.

**Rat** ir-risposta tal-appellat Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) fejn gie sottomess:-

1. lli bil-preżenti risposta, l-esponent *qua* appellat ser iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Tonio Von Brockdorff li permezz tiegħu talab ir-revoka tad-deċiżjoni ta' l-Arbitru datata 12 ta' Awwissu 2011 in kwantu fejn l-Arbitru ddeċieda li l-appellant għandu jħallas l-arretrati 'minn sentejn qabel it-12 ta' Frar 2010';

2. Illi l-esponenti jħoss opportun li qabel xejn jirrileva fil-qosor il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti proċesswali li juru li:

    a. Permezz ta' applikazzjoni datata 27 ta' Ġunju 2007 (Dok A.), l-appellant talab għal għajnuna soċjali liema talba ġiet milqugħa tant li beda jipperċepixxi regolarment għajnuna għal disimpieg;

b. Sussegwentement fuq statement maħruġ mit-Tax Compliance Unit datat 28 ta’ April 2009 (Dok B.) mibgħut lid-Dipartiment tas-Sigurtá Soċjali, ġie magħruf li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu vetturi li ma ġewx imniżżla minnu fl-applikazzjoni tiegħu għall għajnuna soċjali;

c. Għaldaqstant, fuq direzzjoni tal-imsemmi Dipartiment, fit-18 ta’ Jannar 2010 il-manager distrettwali bgħat għall-appellant, ippreżentalu applikazzjoni oħra u talbu jipproduċi fiha l-informazzjoni kollha neċessarja għall-fini li jiġi stabbilit il-jedd tiegħu għall-għajnuna soċjali skont kif jiddisponi l-**artikolu 97(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

d. Min din it-tieni applikazzjoni (Dok. C), irriżulta li l-appellant mhux biss kellu fil-pusses tiegħu tlett vetturi li qatt ma kienu ġew irrapurtati/ddikjarati minnu lid-Dipartiment kif kien obbligat jagħmel, iżda irriżulta wkoll li mart l-appellant, Rose Brockkdorff, kenet taħdem u ilha hekk taħdem sa mill-11 ta’ Novembru 2007 liema fatt lanqas ma kien ġie rrapurtat/dikjarat lill-istess Dipartiment;

e. Illi għalkemm il-valur ta’ dawn il-vetturi u l-introjtu tal-mara tiegħu ma jeċċedix l-limitu stabbilit ta’ €23,000 għall-intitolar ta’ benefiċċju, dawn kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont ta’ għajnuna soċjali li kellu jiġi mnaqqas skont id-disposizzjonijiet tat-**Taqsimiet II u VI tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318**.

f. Illi b’konsegwenza ta’ dan in-nuqqas ta’ tagħrif min-naħa tal-appellant, inħoloq *overpayment* ta’ €3,918.41 li jkopri l-perjodu mit-12 ta’ Novembru 2007 sat 12 ta’ Frar 2010. Għalhekk, id-Dipartiment informa lill-appellant, permezz ta’ ittra datata 23 ta’ Frar 2010 (Dok D.), li dan il-ħlas żejjed ser jitnaqqas bir-rata ta’ 10% mill–għajnuna għall-qgħad, jew xi benefiċċji oħra li huwa jitsta’ jirċievi mid-Dipartiment u dan ai termini tal-**artikolu 102(1)(i) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

3. Illi l-kwadru ta’ dawn il-fatti emerġenti mill-inkartament tal-każ kjaramant juri l-oppost tal-verżjoni prospettata mill-appellant, verżjoni li lanqas ma ġiet korraborata mill-appellant billi jindika u jipproduċi biex jixhed lil dak l-uffiċċjal jew uffiċjali li skont hu żgwidah jew żgwidawh. Tassew, jidher fiċ-ċar li l-appellant mhux talli ma nformax lid-dipartiment, iżda talli prova jissoprimi l-fatt li martu taħdem u l-fatt li huwa proprjetarju ta’ tlett vetturi;

4. Illi da parti l-fatt li t-teżi tal-appellant li huwa għarraf lid-dipartiment u li dan żgwidah xejn ma treġi meta mqabbla mal-fatti attinenti tal-każ, l-esponenti jirrileva li anke kieku *ex gratia argomenti* kellu jingħad li tali verżjoni hija waħda fededenja, xorta waħda l-egħmil ta' dan l-uffiċjal jew uffiċjali ma jirrisalix għal wieħed ta' żball jew żgwidar;

5. Illi tabilħaqq ir-risposta tad-Dipartiment għal-mistoqsija tal-appellant li l-liġi ma kienetx se tiġi miksura jekk martu taħdem kienet waħda li assolutament ma toffri l-ebda forma ta' żgwidar u dan għax tali informazzjoni hija fil-fatt waħda korretta. Difatti l-appellant jew martu ma ġew fl-ebda mument akkużati li kisru xi liġi għaliex mart l-appellant kienet taħdem. Il-liġi nkisret għax l-appellant naqas milli jinforma lid-Dipartiment kemm bix-xogħol ta' martu kif ukoll bil-fatt li kellu tlett vetturi fil-pussess tiegħu skont kif hekk jeżiġi l-**artikolu 97(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta**.

6. Illi b'konsegwenza ta' dan, l-appellant rċieva somma bħala għajnuna li ma kellux dritt għaliha u li għalhekk għandha titħallas lura lid-Direttur esponent li għandu d-dritt jiġbora lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li l-appellant ikollu dritt għaliha skont kif jipprovdi l-**artikolu 102(1)(i) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif hekk għamel;

7. Illi anke li kieku b'xi mod kellu jiġi argomentat li kien hemm xi żball jew żgwidar min-naħa tad-Dipartiment, dan xorta waħda ma jnaqqasx id-dritt tad-Direttur esponent li jinvoka r-rimedju kontemplat fl-imsemmi artikolu 102(1)(i) li jitlob lura s-somma mogħtija lill-appellant mingħajr jedd.

8. Illi, kif ġie ġustament rilevat fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet **Sonia Catania vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**: "*l-Artikolu 102 imkien ma jsemmi l-iżball fis-solvens li hu r-rekwizit sine qua non għall-proposizzjoni tad-dritt għar-reklam ta' l-indebitu kif skond l-Artikoli 1021 u 1022 prevvist. U la dan huwa hekk, huwa għal kollox irrilevanti jekk tissussistix jew le, l-ipotesi ta' l-izball fl-appellanti għax dak li hu aktar fondamentali hi l-verifika tan-nuqqas ta' ġustifikazzjoni għal ħlas li sar. Ankorke l-appellata kienet in bwona fede dan il-fatt ma jbiddelx il-qagħda espressa fl-Artikolu 1147 (1) tal-Kodici Ċivili illi "dak li jitħallas bla ma kellu jingħata, jista' jintalab lura" jew dik ta' l-Artikolu 102 tal-Kapitolu 318. Anzi fir-rapport bejn il-privat u l-amministrazzjoni pubblika dan għandu jirċievi aktar forza*"; (Ara wkoll **Nathalie Ellul vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali** mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Frar 2010)

9. Tassew, kif anke ribadit fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet **Graziella Russo vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**: "*Illi fil-fatt jirrizulta li skond l-**artikolu 30 (7) tal-Kap. 318,** id-Direttur għandu l-obbligu li jara li hemm l-elementi kollha sabiex tingħata l-għajnuna soċjali, iżda wkoll li hekk jibqa' l-każ; fil-każ li jsir arrikkiment indebitu, jidħol fis-seħħ l-**artikolu 102** sabiex tali ammonti jiġu rifużi lura; il-fatt li l-appellata kienet in buona fede ma jbiddel xejn mid-dritt mogħti lill-appellant għar-rifuzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att. L-istess sitwazzjoni tippersisti mill-ottika tal-**artikolu 1147 (1) tal-Kap. 16** għaliex dak li huwa relevanti huwa li sar ħlas indebitu, u li dan sar bi żball minn min jaghmel tali pagamenti.*"

10. Illi fid-dawl ta' dak sottomess, l-aggravju devolut lil din l-Onorabbli Qorti permezz tar-rikors tal-Appell interpost mill-appellant ma huwiex la attendibbli u lanqas ġustifikat u għalhekk għandu jiġi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellat qed jitlob li din il-Qorti tirrespinġi u tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fit-13 ta' Lulju 2011 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kif kompilati quddiem l-Arbitru.

**Rat** id-dokumenti esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurta' Socjali tat-13 ta' Lulju 2011 li biha gie deciz li l-appellant kellu jħallas lill-appellat l-arretrati ta beneficcji li kien ircieva minn sentejn qabel it-12 ta' Frar 2010. L-appell ma jittrattax punti legali, izda jirrigwarda biss il-kwestjoni ta' kif gew interpretati l-fatti mill-Arbitru fid-decizjoni tieghu appellata.

Jirriżulta li l-appellant waqaf jaħdem fit-22 ta' Ġunju 2007. Kawża ta' dan l-appellant applika għall-għajnuna soċjali ghall-qagħad. Din it-talba ġiet milqugħa u beda jirċievi l-benefiċċju tal-qagħad mill-25 ta' Ġunju 2007.

Ġara li mart l-appellant xtaqet issib impjieg *part time*. Ghalhekk marret id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali biex titkixxef jekk kienx possibbli li tibda tahdem

"part-time." L-appellant jikkontendi li martu giet informata li ma kienx hemm oggezzjoni minn naha tad-Dipartiment li tfittex xogħol *part time*.

L-appellat jikkontendi li sussegwentement id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali skopra illi l-appellant ma kienx iddikjara li kien il-propretarju ta' vetturi meta applika ghall-ghajnuna socjali. Minhabba f'hekk fit-18 ta' Jannar 2010 il-manager distrettwali bagħat għall-appellant, u talbu jimla applikazzjoni oħra. Minn din it-tieni applikazzjoni irriżulta lill-appellat li effettivament l-appellant kellu fil-pusses tiegħu tliet vetturi li huwa ma kienx iddikjara fl-ewwel applikazzjoni. Inoltre, irriżulta lill-appellat li l-mara tal-appellant, Rose Brockkdorff, kienet ilha taħdem mill-11 ta' Novembru 2007 u l-appellat jikkonferma li ma kienx ġie infurmat b'din ic-cirkostanza meta in effett l-appellant kien obbligat li jagħti tali informazzjoni lid-Dipartiment. Il-fatt li mart attur kienet qed tahdem hu fattur importanti meta jkun qed jigi kalkolat l-ammont li l-applikant kellu jircievi bhala ghinuna jew beneficcju.

L-appellat jallega li minħabba l-imsemmi nuqqas ta' informazzjoni minn naħa tal-appellant, lill-appellant ircieva zejjed f'beneficci s-somma ta' €3,918.41, li tkopri l-perjodu mit-12 ta' Novembru 2007 sat 12 ta' Frar 2010. Sabiex jiġi rifuż dan l-ammont, id-Dipartiment beda jnaqqas 10% mill-għajnuna tal-qagħad li kienet qed tithallas lill-appellant.

L-appellant naqas li jipproduci biex jixhed lill-ufficjal tad-Dipartiment li allegatament zgwidah meta informah li martu setgħet tfittex xogħol fuq bazi "part-time." Jista jkun, pero', li l-appellant informa lid-Dipartiment li martu kienet qiegħda tfittex xogħol. Effettivament jidher li dwar dan hu kkonvincja lill-Arbitru. Hu zgur pero' li minn imkien ma jirrizulta li l-appellant informa lid-dipartiment bid-data meta l-mara tiegħu effettivament bdiet tahdem.

L-artikolu 97 tal-Kap 318 jipprovdi testwalment – "*97(1)(b) - Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna għal xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li - tipproduċi dawk iċ-ċertifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda għall-fini li jiġi stabbilit iljedd tagħha għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna li d-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jeħtieġ u għal dak il-għan tmur f'dak l-uffiċċju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi.*"

Ghalhekk il-benefiċċju tal-qagħad jiddependi fuq il-fatt illi min jirċievi dak il-benefiċċju jagħti l-informazzjoni kollha rilevanti lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali. L-appellant ma adempix dan l-obbligu tiegħu, stante li naqas milli jinforma lid-Dipartiment kemm bix-xogħol ta' martu kif ukoll bil-fatt li kellu tliet vetturi fuq ismu.

Konsegwenza ta' dan in-nuqqas, l-appellant, meta ma kienx ħaqqu, rċieva somma bħala għajnuna li ma kellux dritt għaliha u għalhekk għandha titħallas lura lid-Direttur, li għandu d-dritt jiġborha lura skond l-**artikolu 102(1)(i) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-arrekiment indebitu da parti ta' min jircievi beneficcju

għandu jiġi rifuż skond l-imsemmi artikolu 102 anke jekk l-appellanti kien in buona fede meta naqas li jaghti l-informazzjoni necessarja lid-Direttur.

Ghalhekk l-appell ta’ Tony von Brockforff ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi kollha tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant Tony von Brockdorff u fl-istess hin tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata tal-Arbitru dwar is-Servizzi Socjali tat-13 ta’ Lulju 2011.

Spejjez tal-appell jithallsu kollha mill-appellant Tony von Brockdorff.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------